



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-485/18

Groupe Lactalis

vs

Premier ministre et

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Conseil d'État (Franza))

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-1 ta' Ottubru 2020

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 1169/2011 – Informazzjoni dwar il-prodotti tal-ikel lill-konsumaturi – Artikolu 9(1)(i) u Artikolu 26(2)(a) – Dettall obbligatorju tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post tal-provenjenza tal-prodotti tal-ikel – Ommissjoni li tista' tqarra lill-konsumaturi – Artikolu 38(1) – Kwistjonijiet speċifikament armonizzati – Artikolu 39(2) – Adozzjoni ta' miżuri nazzjonali li jipprevedu dettalji obbligatorji addizzjonali dwar il-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza ta' tipi jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti tal-ikel – Kundizzjonijiet – Eżistenza ta' rabta pprovata bejn waħda jew iktar mill-kwalitajiet tal-prodotti tal-ikel ikkonċernati u l-oriġini jew il-provenjenza tagħhom – Kunċetti ta' 'rabta pprovata' u ta' 'kwalitajiet' – Prova li l-maġġoranza tal-konsumaturi jagħtu importanza sinjifikattiva lil din l-informazzjoni – Miżura nazzjonali li tipprevedi d-dettall obbligatorju tal-oriġini nazzjonali, Ewropea jew mhux Ewropea tal-ħalib”

1. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prodotti tal-ikel – Regolament Nru 1169/2011 – Informazzjoni obbligatorja dwar il-prodotti tal-ikel – Dettall obbligatorju tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza tal-ħalib – Ommissjoni ta' din l-indikazzjoni li tista' tqarra bil-konsumaturi – Kwistjoni speċifikament armonizzata (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1169/2011, Artikoli 9(1)(i), 26(2)(a), 38(1) u 39)*

(ara l-punti 25 sa 33, u d-dispożittiv 1)

2. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prodotti tal-ikel – Regolament Nru 1169/2011 – Adozzjoni ta' miżuri nazzjonali li jimponu dettalji obbligatorji addizzjonali dwar il-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza ta' tip jew ta' kategorija speċifika ta' prodotti tal-ikel – Kundizzjonijiet (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1169/2011, Artikolu 39(1) u (2))*

(ara l-punti 36 sa 39, 42 sa 46, 49 sa 52, u d-dispożittivi 2 u 3)

Ara t-test tad-deċiżjoni.